MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 122/2011

Kawza fil-lista: 34

**RU**
**vs**
**PO, XF,**
**Direttur Registru Pubbliku**
**u VU kuratrici ad litem tal-minuri RE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li: ilha de facto separata minn mal-konvenut PO minn Ottubru 2005; li f'Settembru 2006 hi dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut XF; li minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Shayzen fl-10 ta' Frar 2011; li dan it-tifel mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut PO, izda hu l-wild naturali tal-konvenut XF; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti : [1] tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri

RE mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut PO izda tal-konvenut l-iehor XF; [2] tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi RE huwa l-wild naturali tal-konvenut XF b' mod ghalhekk illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens; [3] tordna ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi minuri b'dak it-taghrif li jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 77B,77D u 81 tal-kapitlu 16;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut PO iddikjara li jaqbel li hu mhuwiex il-wild naturali tat-tifel, u li l-att tat-twelid relattiv ghandu jigi korrett f' dan is-sens;

Rat li fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2011 il-konvenut XF ammetta t-talbiet attrici;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali li t-tifel Shayzen li hi weldet fl-10 ta' Frar 2011 huwa l-wild naturali tal-konvenut XF u mhux tal-konvenut PO.

Illi l-attrici tispjega li meta sseparat de facto minn zewgha l-konvenut PO f' Ottubru 2005 hija ma kellhiex relazjonijiet intimi mieghu aktar. Tghid li f' Settembru 2006 dahhlet f' relazzjoni stabbli u esklussiva mal-konvenut XF, li ghadha sejra sallum, u li minnha twieled l-imsemmi tifel.

Illi r-rapport xjentifiku jissufraga t-tezi attrici.

Illi l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81 tal-kapitlu 16 mhijiex fondata fil-provi, stante li jirrizulta li l-wild, sa mit-twelid, kien gie meqjus bhala bin XF li mieghu l-attrici kienet ilha f' relazzjoni stabbli minn Settembru 2006; u ghalhekk il-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa r-rigett tal-eccezzjoni bazata fuq id-dispost tal-artikolu 81 tal-kapitlu 16, tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel Sheyzen Seychell li twieled mill-attrici fl-10 ta' Frar 2011 huwa l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut XF, u mhux tal-konvenut PO; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri.

Spejjez a kariku tal-attrici u tal-konvenut XF konguntivament u fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------